Direttur: Dr. Kav. Ġużè Galea,
29, Sur Santa Barbara—Valletta.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 180, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

Ixtru u aqraw dawn il-kotba li jżejnu kull librerija Maltija:—

**"Meta Nħaraq it-Tijatru"**, ta' Ġużè Galea.

**"Dawra Misterjuża"**, ta' Mary Meylak.

**"It-Taħbila tal-Kamra s-Safra"**, traduzzjoni ta' Erin Serracino Inglott.

**"Biex Idderri d-Dwejjaq"**, ta' Mons. Dun Pawl Galea.

**"Dwar il-Poeżija Maltija"**, ta' Ġużè Chetcuti.

**"Għadu Kemm Jibda"**, ta' Alb. M. Cassola.

**"Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji"**, ta' Dun Ġuż. Zarb.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1947

# *IL-PREMJU ĠUZE' MUSCAT AZZOPARDI*

*DIN is-sena l-Viċi-President tal-"Għaqda" tagħna kien magħżul għall-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" u l-preżentazzjoni tal-Midalja saret nhar it-Tnejn, l-4 ta' Awissu, b'ċerimonja l-aktar solenni fl-Università Rjali ta' Malta. Kien hemm l-Eċċ. T. l-Gvernatur, li ippreżenta l-Midalja, is-Sinjurija Tiegħu l-Logutenent Gvernatur, l-Onorevoli s-Segretarju tal-Gvern, Kapijiet ta' Dipartimenti, Rappreżentanti tal-Kleru, tal-Professjonijiet u tal-Partiti Politiċi, Impjegati Għoljin, Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", Professuri ta' l-Università u bosta ħbieb tas-Sur Cremona.*

*Okkażjoni bħal dik lilna tfarraġna u tgħamlilna l-ħila biex nissoktaw fit-triq li qbadna, triq li twassal biss għall-ġid tal-Malti. Dik il-laqgħa hi xhieda tal-ġieħ li tgawdi l-"Għaqda" fost l-aqwa nies ta' pajjiżna u turi xinhi sewwa l-fehma tagħna, fehma li ngħożżu u nseddqu lsien art twelidna u nweġġħu lil kull min jaħdem għalih.*

*Saru taħditiet ta' fejda u sbieħ u, biex ma jintesiex dak li ntqal f'dik l-okkażjoni għax jiswa ħafna bħala dokument tal-ħajja kulturali Maltija, aħna ser inġibu dawk it-taħditiet f'dan il-għadd ta' l-organu tagħna.*

*Traduzzjoni mill-Ingliż.*

**Diskors ta' l-Aġent Rettur ta' l-Università,**
**il-Professur P.P. DEBONO, O.B.E., M.D., F.R.C.S., D.P.H.**

Jiena nqisu bħala privileġġ kbir għalija li l-lum ninsab hawnhekk, flok ir-rispettabbli Rettur, l-Onorevoli Professur Robert V. Galea, sabiex nilqagħkom b'isem l-"Alma Mater" tagħna, l-Università Rjali ta' Malta.

Aħna l-lum iltqajna hawnhekk biex nagħtu ġieħ lill-ħabib tagħkom u tiegħi, is-Sur Nin Cremona, u sabiex nidhru bħala ħaddara tal-preżentazzjoni li sa ssirlu tal-Premju Ġużè Muscat Azzopardi.